MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 476/2008

**GO Plc - C-22334**

**Vs**

**Simone Arab Palmier**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi li gie prezentat fl-24 ta` Gunju, tas-sena 2008 fejn intalab sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` €1,057.12c, rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma` servizz tat-telefon bin-numru 21378964, skond ma` kif jirrizulta mid-dokumenti annessi ma` dan l-avviz u mmarkati bhala Dok. A u Dok. B.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta` dan l-avviz kontra l-konvenuta ngunta in subizzjoni.

Gie notat illi l-konvenuta ghalkemm legalment notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Gie notat ukoll li l-konvenuta naqset illi tidher kemm fis-seduta tat-28 ta` Novembru, 2008 u kif ukoll ghas-seduta ta` llum.

Sema` lid-Dottoressa Dr. Ingrid Zammit Young li bil-gurament taghha kkonfermat li l-ammont mitlub f`dina l-kawza kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum peress illi fil-mori ta` l-istess proceduri ma saru ebda pagamenti.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` €1,057.12c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------